**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 1 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 1163/2011 AF**

**Associated Supplies Limited (C-2891)**

**vs**

**Joseph Mizzi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà kummercjali Associated Supplies Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat kien impjegat bhala General Technical Manager mas-socjetà rikorrenti ghall-perjodu indefinit u dana permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat l-ewwel (1) ta' Frar 1991, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. "ASL1".

Fl-irwol tieghu ta' General Technical Manager tas-socjetà rikorrenti, u skond il-klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' impjieg *de quo* l-intimat kien responsabbli *inter alia* ghal diversi affarijiet importanti fosthom assistenza teknika lil Bord tad-Diretturi: assistenza teknika dwar kull aspett ta' kuntratti u

agenziji li tkun partecipi fihom is-socjetà rikorrenti; negozjar dwar kuntratti ta' agenziji flimkien mas-superjuri tieghu; kwalunkwe xoghol iehor li s-socjetà rikorrenti hasbet illi kien kompatibbli mar-rwol tieghu.

Bhala General Technical Manager tas-socjetà rikorrenti, ma hemmx dubju illi l-intimat kellu d-dmir li jagixxi esklussivament fl-interess tas-socjetà rikorrenti, kellu jipprotegi l-interessi taghha, u kien jaf informazzjoni kunfidenzjali kien qed jokkupa post ta' fiducja u ghalhekk ghandu jitqies bhala fiducjarju fis-sens kontemplat fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili.

L-intimat kien responsabbli waqt l-impjieg tieghu fil-kapacità hawn fuq indikata mas-socjetà rikorrenti halli ghan-nom tal-istess socjetà rikorrenti jiftah u jiggestixxi negozjati mas-socjetà estera Daniza bl-isem ta' "BWSC" u dana halli jassisti lill-istess "BWSC" fix-xoghol taghhom hawn Malta halli jottjenu t-tender ghall-estensjoni tal-"power station" gewwa Delimara.

Di ricenti s-socjetà rikorrenti ntebhet bil-manuvri tal-intimat Joseph Mizzi illi wara li ghan-nom tas-socjetà rikorrenti stabilixxa r-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC, l-istess intimat volontarjament ittermina l-impieg tieghu mas-socjetà rikorrenti halli jibqa' ghaddej hu wahdu bir-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC biex wassal illi l-istess socjetà estera tirbah l-imsemmi tender u hu fil-fatt ittermina l-impjieg tieghu fis-7 ta' Ottubru 2005 u dana hekk kif jirrizulta mid-dokumenti hawn anness u mmarkat bhala Dok. "ASL2".

Is-socjetà rikorrenti saret taf tramite l-mezzi tax-xandir illi fil-fatt it-tender in kwistjoni intrebah mill-istess BWSC.

Is-socjetà rikorrenti tirrileva illi dan l-agir da parti tal-intimat jindika agir abbuziv da parti tieghu u dana billi waqt l-impjieg tieghu mas-socjetà rikorrenti u fil-qadi ta' dmirijietu mal-istess socjetà hu dawwar ghalih kuntatti u relazzjonijiet kummercjali tas-socjetà rikorrenti a pregudizzju tal-istess socjetà rikorrenti u a gwadan tieghu personali u dana bi strategija cara da parti tal-istess intimat illi fil-fazi finali meta s-socjetà rikorrenti kienet qrib illi tilhaq ftehim mas-socjetà estera BWSC, l-istess intimat immanuvra b'tali mod illi ma jsir l-ebda ftehim minn

naha tas-socjetà BWSC mas-socjetà rikorrenti u wara ftit jinhatar l-istess intimat personalment bhala rapprezentant tas-socjetà estera BWSC u dan bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu a bazi tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u kif ukoll bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg datat l-1 ta' Frar 1991 u dana hekk kif lesta tipprova s-socjetà rikorrenti waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

Persuna bhalma huwa l-intimat li tigi fdata b'informazzjoni kunfidenzjali, privata u kummercjali ma tistax tuza l-istess informazzjoni a beneficcju u a profitt taghha stess a skapitu tal-proprjetarju tal-istess informazzjoni, hekk kif ghamel l-intimat b'mod dizonest ghall-ahhar, u dana bi ksur lampanti tal-artikoli 1124A tal-Kodici Civili.

L-artikolu 1124A gie mdahhal fil-ligi taghna senjatament sabiex jigu ssalvagwardjati l-interessi ta' persuni jew persuni guridici kif inhi r-rikorrenti meta jigru sitwazzjonijiet bhal dawn fejn l-intimat bl-agir dizonest tieghu approprja ghalih innifsu valur li huwa appartenenti lil rikorrenti u dana a detriment tal-istess rikorrenti meta l-intimat kien obbligat skond il-ligi sabiex jipprotegi l-interessi taghha.

Ma hemmx dubju illi bhala konsegwenza ta' dana l-ksur l-istess konvenut ghandu jrodd lura kull proprjetà flimkien ma' kull beneficcju miksub minnu, sew direttament sew indirettament, bhala konsegwenza tal-agir tieghu u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

L-intimat gie interpellat f'dan ir-rigward permezz ta' protest gudizzjarju izda huwa baqa' ma wegibx u b'hekk baqa' inadempjenti.

Ghalhekk is-socjetà rikorrenti kellha tressaq dina l-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-kuntratt tal-impjieg li gie maqbul bejn is-socjetà rikorrenti u l-istess intimat fl-1 ta’ Frar 1991.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà attrici in vista ta’ tali ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji konsistenti fil-beneficcji kollha miksuba mill-intimat, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

4. Tikkundanna lill-intimat irodd lura lis-socjetà attrici kull proprjetà flimkien ma kull beneficcju miksub minnu, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datata 24 ta’ Novembru 2009 bin-numru 530/09 kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Mizzi li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament qed tigi eccepita n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma fihiex dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talbiet tas-socjetà attrici u li fiha min ghandu r-rapprezentanza guridika taghha jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment, u dan hekk kif rikjest mill-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Preliminarjament ukoll it-talbiet tas-socjetà attrici huma preskritti tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll is-socjetà attrici ghandha tipprova li sal-jum tas-7 ta' Ottubru 2005 (cioè id-data tat-tmiem tal-impjieg tal-eccipjent odjern minn mas-socjetà attrici) li hija kienet proprjetarja tal-proprjetà jew informazzjoni partikolari li skond

hi giet uzata mill-eccipjent b'mod indebitu u kif ukoll li kwalunkwe tali informazzjoni kienet kufidenzjali.

Preliminarjament ukoll is-socjetà attrici ghandha tipprova li kien appuntu minhabba uzu da parti tal-eccipjent ta’ l-imsemmija proprjetà jew informazzjoni li skond hi kienet kunfidenzjali u kienet tappartjeni lilha li s-socjetà BWSC rebhet it-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara.

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet, cioè:

i. Illi sal-jum tas-7 ta' Ottubru 2005 (cioè id-data tat-tmiem tal-impjieg tal-eccipjent odjern minn mas-socjetà attrici) is-socjetà attrici qatt ma kellha informazzjoni mhux maghrufa mill-pubbliku in generali fir-rigward kemm tas-socjetà BWSC kif ukoll fir-rigward tal-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara;

ii. Illi l-eccipjent odjern ma approprja ruhu minn l-ebda proprjetà jew informazzjoni appartenenti lis-socjetà attrici kemm fir-rigward tas-socjetà BWSC kif ukoll fir-rigward tal-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara b'mod indebitu;

iii. Illi l-eccipjent odjern ma ghamel ebda atti li jilledu d-drittijiet kuntrattwali jew mod iehor tas-socjetà attrici;

iv. Illi l-eccipjent odjern qatt ma dawwar ghalih kuntatti u relazzjonijiet kummercjali tas-socjetà attrici a pregudizzju ta' l-istess socjetà attrici;

v. Illi sakemm kien fl-impjieg tas-socjetà attrici, l-eccipjent odjern dejjem agixxa fl-ahjar interess ta' l-istess socjetà attrici u dejjem ezercita d-diligenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tieghu;

vi. Illi mhux minnu li l-eccipjent volontarjament ittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà attrici halli jibqa'

ghaddej hu wahdu bir-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC;

vii. Illi mhux minnu li l-eccipjent odjern volontarjament ittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà attrici halli l-eccipjent jibqa ghaddej hu wahdu bir-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC. L-eccipjent odjern waqaf jahdem mas-socjetà ntimata fit-22 ta' Settembru 2005 meta hassu hazin fuq ix-xoghol u rrizulta li hu kellu bzonn operazzjoni serja tal-qalb (li saritlu fid-9 ta' Ottubru 2005). Di fatti l-impjieg tal-eccipjent odjern mas-socjetà attrici spicca ufficjalment fis-7 ta'Ottubru 2005 meta hu gie "boarded out";

viii. Illi l-eccipjent odjern qatt ma dahal f'relazzjoni kuntrattwali mas-socjetà attrici.

L-eccipjent jiddikjara li huwa jaf bil-precitati fatti personalment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici li minn issa stess, hekk kif rapprezentata hija ngunta ghas-subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Ir-rikors promotur tal-kawza odjerna huwa null u minghajr effetti fil-ligi stante li ma saritx d-dikjarazzjoni msemmija f'artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u lanqas ma thallset it-tariffa korretta dovuta skont l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-azzjoni attrici hija ukoll preskritta u perenta a tenur tal-artikolu 2155 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi l-konvenut naqas mili josserva l-provedimenti tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg tal-1 ta' Frar 1991 iffirmat bejn il-partijiet. Konsegwentement din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi in vista tal-allegat ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji, konsistenti *inter alia* fil-benefiċċji kollha miksuba mill-konvenut, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1124A(5) tal-Kodiċi Ċivili, u sabiex jiġi kkundannat il-konvenut irodd lura lis-soċjeta attriċi kull proprjetà flimkien ma kull benefiċċju miksub minnu skont l-istess artikolu 1124A(5).

Din is-sentenza preliminari hija limitata għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu u ċioè li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata fil-mori tal-kawża, il-konvenut ressaq żewġ eċċezzjonijiet ġodda, fosthom illi l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' sentejn skont l-artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili. Minkejja li din l-eċċezzjoni tressqet mingħajr ir-rikors appożitu u għaldaqstant, mingħajr il-permess tal-Qorti ai termini tal-artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti sejra tikkunsidra wkoll din l-eċċezzjoni fis-sentenza odjerna għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tiġi sollevata f'kull stadju tal-proċeduri, anke fl-istadju t'Appell, u l-partijiet għamlu riferenza għal din l-eċċezzjoni fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut kien impjegat mas-soċjetà attriċi bħala General Technical Manager mill-1 ta' Frar

1989 sas-7 ta' Ottubru 2005 u ċioè sa meta temm l-impjieg tiegħu minħabba raġunijiet mediċi wara deċiżjoni tal-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Matul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi l-konvenut kien responsabbli sabiex jagħti assistenza teknika lid-diretturi tas-soċjetà attriċi u sabiex jinnegozja ma' terzi għan-nom tas-soċjetà attriċi dwar kuntratti ta' aġenziji, fost affarijiet oħra.

Lejn l-aħħar tal-impjieg tiegħu, il-konvenut, fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjetà attriċi, kien responsabbli għan-negozjar mas-soċjetà Daniża BWSC, bl-intenzjoni li s-soċjetà attriċi tidħol f'kuntratt ta' konsulenza mal-imsemmija soċjetà estera. Din il-konsulenza kienet ser tikkonċerna l-għan finali tas-soċjetà BWSC sabiex tingħata t-tender għall-estensjoni tal-*power station* ġewwa Delimara. Dan il-kuntratt ta' konsulenza qatt ma ġie ffirmat peress illi s-soċjetà BWSC insistiet mas-soċjetà attriċi li kwalunkwe kuntratt li jiġi ffirmat bejniethom kellu jintemm f'każ illi l-konvenut ma jibqax impjegat mas-soċjetà attriċi, kundizzjoni li s-soċjetà attriċi ma rieditx taċċetta.

Joseph Rizzo għan-nom tas-soċjetà konvenuta jgħid illi wara li ma ntlaħaqx qbil bejnithom dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni oħra bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà BWSC dwar it-tender tal-proġett tal-estenzjoni tal-*power station*. L-istess Joseph Rizzo jispjega li wara li l-konvenut temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, huwa ntebah illi l-konvenut kien għadu qiegħed jinteressa ruħu fil-proġett tal-estensjoni tal-*power station* u in sostenn ta' dan il-fatt huwa ppreżenta kopja ta' ittra lill-editur li ġiet ippubblikata fuq ġurnal lokali fit-2 ta' Novembru 2005, liema ittra kienet miktuba mill-konvenut. Joseph Rizzo jkompli billi jgħid li minkejja li kiteb ittra lill-konvenut sabiex jistaqsih dwar x'interess kien għad kellu fil-proġett, huwa qatt ma rċieva risposta. Huwa jgħid illi eventwalment sar jaf mill-ġurnali lokali li t-tender in kwistjoni kien fil-fatt ingħata lis-soċjetà BWSC u l-konvenut kien l-aġent tagħha. Joseph Rizzo jgħid ukoll illi huwa kkonkluda li l-konvenut kien ilu jaħdem minn wara dahar is-soċjetà attriċi sabiex ikun hu l-aġent tas-soċjetà BWSC fil-vesti personali tiegħu, minn meta kien għadu impjegat tas-soċjetà attriċi.

Kif diġà ngħad din is-sentenza hija limatata għaż-żewġ eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut u ċioè li l-azzjoni attriċi hija estinta bid-dekors ta' sentejn skont l-artikoli 2153 u 2155 tal-Kodiċi Ċivili.

B'mod ġenerali u b'riferenza għaż-żewġ preskrizzjonijiet invokati mill-konvenut, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Jannar 1950 li *'(L)-indoli ta' l-azzjoni tiġi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa intiż il-ġudizzju.'* Minn dan isegwi li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, huwa neċessarju li ssir indaġini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mis-soċjetà attriċi.

Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello tal-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti qalet proprju hekk:

> *"Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawża u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera."*

L-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-obbligu legali tal-konvenut derivanti mill-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili u inadempjenza kuntrattwali. L-artikolu 1124A msemmi jaqra hekk:

> *"(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") -*
>
> *(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*
>
> *(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna*

*oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

*(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.*

*(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandha wkoll titqies li hi soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.*

*(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna –*

*(a) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra; jew*

*(b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-disposizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ –*

*(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu;*

*(b) li jevita kull konflitt ta' interess;*

*(ċ) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu;*

*(d) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda;*

*(e) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili;*

*(f) li jżomm records xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(g) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(h) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra meħtieġa mil-liġi applikabbli.*

*(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.*

*(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta' dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita."*

Hija l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u talbiet tagħha li għandha tiddetermina liema huwa l-perjodu preskrittiv applikabbli. Wieħed irid iqis allura jekk l-artikoli tal-liġi msemmija mill-konvenut sabiex isejjes l-eċċezzjonijiet tiegħu japplikawx għall-azzjoni odjerna bbażata fuq l-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili u inadempjenza kuntrattwali.

L-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud, deċiża fl-1 ta' April 2003:

> *"Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imseja culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin."*

Il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi titlaq mill-premessa li l-attur ikun qiegħed jallega ħtija akwiljana fil-konfront tal-konvenut. Fil-każ tal-lum huwa evidenti mill-premessi tar-rikors ġuramentat kif ukoll mit-talbiet attriċi li l-azzjoni odjerna m'hijiex ibbażata fuq fatti u ċirkostanzi previsti mill-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Permezz tal-ewwel talba tagħha, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-konvenut li miegħu hija tgħid illi kellha relazzjoni fiduċjarja[1] filwaqt illi t-tieni talba tagħha hija għal dikjarazzjoni li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg, u għaldastant, hija bbażata fuq relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Minkejja li s-soċjeta attriċi titkellem fuq danni, it-talba tagħha hija bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1124A(5) tal-Kodiċi Ċivili u infatti, permezz tal-aħħar talba tagħha, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li l-konvenut irodd il-benefiċċji miksuba minnu skont il-ftehim li għamel mas-soċjetà BWSC.

---

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti diversamet presjeduta fl-ismijiet **Carmen Xuereb vs L-Avukat Anton Micallef**, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2013.

Is-sentenza fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud appena ċitata tkompli hekk:

> "*Illi, madankollu, mhux kull ħsara li ġġarrab persuna minn għamil jew nuqqas ta' ħaddieħor waqt it-twettiq ta' kuntratt tikkostitwixxi ħtija kuntrattwali: iżda biex tkun ħtija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jeħtieġ jintwera li l-għamil li minħabba fih issir il-ħsara jkun għal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt.*"

Il-Qorti ssib illi huwa ċar li l-ħsara li tgħid illi ġarbet l-attriċi tinsilet proprju mill-patt kuntrattwali u obbligazzjonijiet fiduċjarji li hija tgħid li l-konvenut naqas milli jħares, u għaldaqstant, il-preskrizzjoni applikabbli m'hijiex dik skont l-artikolu 2153 li jsemmi l-konvenut. Huwa veru li s-soċjetà konvenuta tuża l-kelma 'danni' fit-talbiet tagħha iżda d-danni reklamati minnha ċertament m'humiex ta' natura akwiljana. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

L-artikolu 2155 imbaghad jaqra hekk:

> *"(1) L-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għal din l-azzjoni taħt l-artikolu 559, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun irċieva l-ħaġa b'bona fidi."*

Filwaqt illi l-artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

> *"(1) Iżda, dak li jkun tilef il-ħaġa, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi jindennizza lill-pussessur.*
>
> *(2) Jista' wkoll jitlobha lura mingħajr l-obbligu li jindennizza lill-pussessur meta dan ma jkunx ħadha b'bona fidi, b'titolu oneruż, mingħand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-ħaġa."*

Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu lanqas ma japplika għall-kawża tal-lum. Minn imkien ma jirriżulta li s-soċjetà attriċi qiegħda tallega li l-benefiċċji li rċieva l-konvenut kienu misruqa

jew mitlufa kif iridu l-artikoli tal-liġi ċitati.  F'dan il-każ ir-relazzjoni bejn il-partijiet ċertament mhijiex ibbażata fuq azzjoni għal radd lura ta' proprjetà li tappartjeni lis-soċjetà attriċi u minħabba serq jew telf ġiet f'idejn il-konvenut.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

Għalhekk u għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenut kif ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata minnu permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG